Minuti tal-Laqgħa Nru. 20 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 19 t' April 2016 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku/Chairman | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Ralph Mangion<br>Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sur. Neville Chetcuti<br>Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

---

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
5. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Fuq punt 3.2 il-Kunsillier Hewitt qal li l-wording irid isir jinħoloq preċedent.

1.2 Il-minuti ġew proponuti mis-Sindku u Sekondati mill-Viċi Sindku.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**Sotto Kumitati**

2.1 Il-Kunsillier Hewitt semma li fil-laqgħa preċedenti huwa kien innomina persuna sabiex is-Sotto Kumitat ikun hemm tnejn ġejjin miż-żewġ partiti differenti.

2.2 Is-Sindku semma li f' Sotto Kumitat odd number irid ikun hemm u ma jistax ikun hemm 4. Is-Sindku semma li huwa kien kellem lis-Sur. Desira sabiex ma jkunx fil-Kumitat u tidħol il-persuna li kien qed jippropono il-Kunsillier Hewitt fejn dan aċċetta.

2.3 Il-Kunsillier Hewitt semma li s-Sur. Theuma kien Direttur Ġenerali u anki involut fil-Kumitat tal-Każin u huwa persuna ta fiduċja. Huwa qal ukoll li lis-Sur. Desira ninvolvuh f' xi Sotto Kumitat li jista jassisti lill-Kunsill b' dan il-mod.

**Attivita Kulturali Sportiva**

2.4 Il-Kunsillier Cardona saqsa x' se jkun hemm tal-isports.

2.5 Is-Sindku semma li kienet saret laqgħa mal-Bord li kien qed jevalwa l-applikazzjoni biex ikollu aktar dettalji u minn naħa tagħhom se jagħtu l-għajnuna billi jikkordinaw fuq il-komunikazzjoni. Huwa qal li se jkollna ukoll laqgħa ma tal-Kultura fuq din l-applikazzjoni biex naraw kif jistgħu jgħinuna minn naħa tagħhom.

## 3.0 KORRISPONDENZA

**Amministrazzjoni**

3.1 Is-Sindku semma li kellhom isiru l-intervisti biex tintgħażel persuna għal Kunsill imma kien hemm ġurnata li kienet tħassret. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex insibu data.

3.2 Is-Sindku semma li kellu laqgħa mas-Sur. Anthony Attard li bħalissa huwa Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Is-Sindku qal li huwa kien iċċekkja u sabiex dan jkun ingaġġat bħala Segretarju trid toħroġ sejħa.

3.3 Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

3.4 Is-Sindku qal li huma lkoll preżenti kienu ltaqgħu miegħu imma xorta waħda bħala proċedura irid ikun hemm l-intervisti.

3.5 Is-Sindku semma li issa nistgħu navżaw lid-Dipartiment li hemm sejħa biex jibda l-proċess. Is-Sindku semma li s-Sur. Fabian Borg li jaħdem mal-Kunsill Lokali kien għamel talba sabiex jitla skala 7. Huwa qal li dan jagħmel ix-xogħal tajjeb u għalhekk vera ħaqqu.

3.6 Il-Kunsillier Hewitt qal li huwa m' għandu xejn kontra s-Sur. Borg imma jixtieq li l-affarijiet jkunu kif suppost.

3.7 Il-Kunsillier Cardona semma li huwa jixtieq li dik iż-żieda li se jkollu fil-paga tiegħu tkun riflessa ukoll fl-input tax-xogħol u dak li se jkollu assenjat ma dan l-iskala.

3.8 Il-Kunsillier Galea qal li s-Sur. Borg huwa importanti ferm għall Kunsill Lokali. Is-Sindku qal ukoll li dan kull biċċa xogħol li jkun hemm bżonn dejjem jagħmilha b' dedikazzjoni lill-Kunsill Lokali.

3.9 Il-Kunsilliera Schembri qalet li dan jitla fil-Grad li qed jitlob skont kemm ilu fil-grad preżenti. Hija qalet li jekk ix-xogħol li qed jagħmel huwa ġustifikat għalhekk ħaqqu l-iskala.

3.10 Il-Kunsillier Hewitt qal li huwa jaqbel ma dak li qalet il-Kunsilliera Schembri.

3.11 Il-Viċi Sindku qal li jista jkun hemm diffikulta fost il-Kunsilliera peress li l-quddiem se jkun hemm Segretarju Eżekuttiv u dawn se jkunu fi Skali viċin xulxin.

3.12 Il-Kunsillier Galea semma li rridu naraw ukoll fuq dan x' overtime se jkollu. Is-Sindku qal li issa daqt inkunu full compliment bħala staff tal-Kunsill.

3.13 Il-Kunsillier Chetcuti qal li jekk issa dan se jkun f' din l-iskala l-Kunsill jistenna minnu li dan jagħmel ħin extra mingħajr ħlas. Is-Sindku qal li għalhekk issa nkellmuh u nispjegawlu li issa ma jkunx intitolat għall overtime.

3.14 Il-Kunsilliera Schembri qalet li hija tixtieq li dan ikollu rwol aktar viċin il-Kunsilliera. Is-Sindku semma li din hija wkoll ix-xewqa tiegħu.

3.15 Il-Kunsillier Hewitt semma li s-Sur. Borg jixtieq li jimpennja aktar ruħu fejn jidħlu follow up tal-complaints. Il-Kunsilliera Schembri qalet li dan jista jieħu r-responsabilta fuq il-complaints.

3.16 Is-Sindku semma li l-ahjar li jkun hemm job description tas-Sur. Borg kif ukoll Organisational chart tal-istaff tal-Kunsill Lokali.

3.17 Il-Kunsillier Galea saqsa jekk is-Sur. Borg kienx baqa jitlaq kmieni nhar ta' Tnejn u Erbgħa. Is-Sindku qal li iva.

3.18 Is-Segretarju semma li dan kien qallu li kien hemm agreement li sar f' leġislatura preċedenti biex huwa jkun jista jitlaq qabel.

3.19 Il-Kunsillier Hewitt saqsa lis-Segretarju jekk dawn il-ħinijiet kinux qed jinqatgħu mill-leave tiegħu. Is-Segretarju semma li huwa kien akkumula ammont ta leave kbir minn snin qabel u dan kien semma li b' dan il-mod ikun jista jitnaqqas.

3.20 Il-Kunsillier Hewitt talab biex jara dan x' leave kien qed jitnaqqaslu, l-agreement u x' leave kellu akkumulat minn snin qabel.

3.21 Il-Kunsillier Cardona saqsa kemm kien qed idum il-Kunsill Lokali miftuħ għall pubbliku. Is-Sindku semma li kien qed idum sat-3.00 pm. Il-Kunsillier Cardona saqsa jekk nistgħux nagħmlu ġurnata li dan jiftaħ sa filgħaxija. Is-Segretarju qal li din tkun diffiċli peress li jkun jridu jiġu mgħoddija xi rapporti u ssir rikonċiljazzjoni t' affarijiet amministrattivi.

**Jum il-Gżira**

3.22 Il-Kunsilliera Schembri qalet li hija kienet ġabet żewġ quotations li nistgħu nużawhom għall entertainment tat-tfal. Hija qalet li jkollna noqgħodu fuq dawn għalissa. Hija qalet li fost l-affarijiet se jkun hemm bouncy castle, face painting, clowns etc. Hija saqsiet lis-Sindku tistax tipproċedi u dan qallha li tista.

3.23 Is-Sindku semma li fuq il-kunċert huwa kien kellem lil tal-Każin u dan kien qallu biex ninsewh peress li qallu li kien bagħatlu email u ma kienx irrispondieh u kien daħal wisq żmien.

3.24 Il-Kunsilliera Schembri qalet li hija kienet iċċekkjat fuq l-artisan market peress li dawn inkunu irridu nħallsuhom. Hija qalet li ta' 10 stalls dawn jieħdu € 350, pero dawn jieħdu ħsieb kollox huma u jimlew il-post fejn ikunu.

3.25 Il-Kunsillier Cardona semma li għall dakinhar nistgħu inkellmu lil tal-futbol biex ikunu preżenti.

3.26 Is-Sindku qal li fil każ tal-ikel nikkordinaw mal-Għaqdiet fuq x' jistgħu jippreżentaw bħala ikel. Is-Sindku semma li nistgħu nagħmlu laqgħa magħhom b' lista t' ikel li nixtiequ li jkun ippreparat u nikkordinaw fuqha.

3.27 Il-Kunsillier Cardona semma li hemm skola taż-żfien li nistgħu navviċinawhom biex naraw humiex interessati li jipparteċipaw. Is-Sindku qal li nistgħu ngħidulhom imma rridu palk ukoll.

3.28 Il-Kunsilliera Schembri qalet li nistgħu ninvolvu t-tfal tal-Iskola biex jipparteċipaw fl-attivita. Is-Sindku qal li jistgħu jtellgħu tpinġijiet marbuta mat-tema.

3.29 Is-Sindku qal li l-aħjar li nlaqqgħu s-Sotto Kumitat tal-Kultura biex niddiskutu aktar din l-attivita.

**Ċelebrazzjonijiet**

3.30 Is-Sindku semma li tal-Gżira United kienu se jagħmlu ċelebrazzjonijiet ġewwa Trqi Stuart. Huwa ippropona lill-Kunsill Lokali sabiex ikun ta sapport billi jipprovdi l-mobile toilets. Il-Kunsilliera qablu fuq dan.

**Indafa**

3.31 Il-Kunsillier Chetcuti semma li tal-Greenpak qed iduru dar, dar sabiex jedukaw lir-residenti kif għandu jagħmlu użu mill-iskemi tal-iskart u sabiex il-lokalita tinżamm nadifa. Dawn se jkunu qed iduru d-djar kollha li hemm ġol-Gżira.

3.32 Il-Viċi Sindku saqsa kif konna bqajna fuq il-biċċa tal-knies. Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa mad-Direttur tal-Cleansing.

## 4.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

4.1 Il-Kunsillier Chetcuti semma sabiex il-pagamenti li kien hemm fl-iskeda dovuti lill-Koptasin niċċekjawhom qabel ma jsiru l-pagamenti.

## 6.0 AĠĠORNAMENT

Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 10 ta' Mejju 2016.

Konfermati llum ________________________ 2016

| | |
|---|---|
| Conrad Borg Manché<br>Sindku | Michael Portelli<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |